**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 354/10**

**Illum: 27 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Salvatore Cacciattolo**
**(ID 436355(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Salvatore Cacciattolo ta' 55 sena, iben Joseph u Mary nee` Mangion, imwieled Ħal-Qormi, nhar l-4 ta' Ġunju 1955, residenti 3, Ex-Married Quarters, Ramvas, Flat 1, Triq San David, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 436355(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-28 ta' Marzu 2010 u matul il-ġimghat ta' qabel din id-data:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta

li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza u dan bi ksur ta` l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

3) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta` l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2015, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Uffiċjal Prosekutur, **l-Ispettur** (illum Supretendent) **Johann J. Fenech**[1] xehed illi l-każ odjern beda fid-29 ta' Marzu 2010 meta ċerta Elizabeth Galea instabet ġewwa karozza f'Ħal-Qormi ssofri minn *overdose* ta' droga, kważi *in fin di vita*. Tul l-investigazzjonijiet tagħha, irriżulta lill-pulizija illi l-vettura li fiha nstabet Galea kienet tappartjeni lil ċertu Darren Brincat. L-istess Brincat, li ġie investigat mill-Ispettur (illum Assistent

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 6 sa 12 tal-proċess.

Kummissarju) Dennis Theuma, ikkonferma illi huwa kien silef il-karozza tiegħu lil żewġ tfajliet, Elizabeth Galea u Jade Jones, u dan sabiex iqattgħu l-lejl fiha għaliex ma kellhomx fejn joqogħdu. Brincat saq il-vettura sa Tal-Ħandaq, ġewwa Ħal-Qormi, u ħalla lit-tfajliet hemm, fil-karozza. Telaq minn fuq il-post u ħallielhom in-numru tiegħu sabiex meta jlestu mill-karozza jċemplulu u jmur għaliha. Brincat innega illi kellu x'jaqsam mad-droga, iżda skont kif xehed l-Ispettur Fenech, Brincat kien jaf li dawn it-tfajliet kellhom id-droga u li kienu ser jabbużaw minnha fil-vettura tiegħu. Iżjed tard fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, madankollu, l-Ispettur jgħid ukoll illi Brincat ma semma xejn dwar droga, iżda kienet Jade Jones li ndikat illi Brincat kien jaf għalfejn kellhom bżonn il-vettura.

L-Ispettur Fenech xehed ukoll illi rriżulta li Galea u Jones kienu qegħdin jgħixu ġewwa dar sabiex jirrijabilitaw ruħhom mill-vizzju tad-droga, iżda fid-29 ta' Marzu 2010 ħarbu minn hemm u marru jfittxu d-droga. Ikompli jispjega l-fatti kif żvolgew skont dak kollu illi qaltlu Jade Jones waqt l-interrogatorju tagħha, fosthom illi Galea akkwistat id-droga minn ġewwa *bar* bl-isem ta' *Rio Confectionery*, li dak iż-żmien kien jieħu ħsiebu ċertu Saviour Ciaccattiolo ossia l-imputat odjern. Jgħid ukoll illi l-Pulizija tkellmet anki ma' Galea u din ukoll irrilaxxjat stqarrija pero` tkellmet biss dwar il-fatti li jikkonċernaw lilha u ma semmiet lil ħadd aktar. Wara li Jones ikkonfermat l-istqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, u fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, fit-3 ta' April 2010, saret tfittxija ġewwa *Rio Confectionery* minn, fost oħrajn, PS 635 u PS 1086, fejn skont l-istess Spettur ma nstabitx droga, għalkemm instabu diversi oġġetti li ġew elevati u jinsabu elenkati fl-irċevuta li tinsab esebita a fol. 37 sa 40 tal-proċess, fosthom numru ta' *mobile phones*, xi oġġetti tad-deheb u tal-fidda, diversi arloġġi, *SD cards* u *pendrives, sim cards, DVD player*, dokumenti personali, flus kontanti fis-somma totali ta' €955 u *CCTV recorder.*

In kontro-eżami, l-Ispettur Fenech xehed illi għalkemm huwa ma kienx preżenti għal din it-tfittxija, jaf illi saru diversi tfittxijiet kemm ġewwa *Rio Confectionery* kif ukoll ġewwa r-residenza tal-imputat, iżda mkien ma nstabet droga. Xehed ukoll in kontro-eżami, illi Brincat daħal fl-istorja għaliex kien silef il-vettura lit-tfajliet u għaliex kien tahom ukoll il-*foil*. L-Ispettur ikkonferma illi Darren Brincat u missieru huma spaċċaturi tad-droga magħrufa sewwa mal-pulizija, iżda in konnessjoni mal-każ odjern, ma ttieħdu l-ebda proċeduri kontra Brincat, minħabba nuqqas ta' provi.[2]

Xehdu wkoll PS 635 Alan Calleja[3], PS 364 David Borg[4] u PC 599 Clive Mangion[5] dwar l-involviment tagħhom fit-tfittxija ġewwa *Rio Confectionery* fit-

[2] Ara din ix-xhieda a fol. 98 sa 99 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 57 sa 59 tal-proċess.

3 ta' April 2010. **PS 635 Alan Calleja** xehed illi huma aċċedew ġewwa l-imsemmi ħanut fejn kien hemm l-imputat odjern. Wara l-bank minn fejn iservi n-nies instabu affarijiet relatati mad-droga, kif ukoll affarijiet personali ta' terzi persuni, għalkemm ma kienx jaf u ma ftakarx x'kien instab li kien konness mad-droga, minkejja li kien preżenti waqt it-tfittxija. Jgħid ukoll illi kien instab *CD player* bis-siġill tal-Faċitilita` Korrettiva ta' Kordin u li l-imputat ġie arrestat u meħud ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri. **PS 364 David Borg** xehed illi waqt din it-tfittxija, instabu biċċa sustanza suspettata raża tal-cannabis, *sachet* b'sustanza suspettuża u borża żgħira b'pilloli bojod. Ikkonferma wkoll illi nstabu diversi oġġetti appartenenti lil terzi persuni u li kien hu stess illi ħareġ l-irċevuta għall-oġġetti indikati aktar il-fuq. Spjega illi s-*sachet* bis-sustanza kannella instabet ġewwa bott li kien fih ħafna muniti u li dan kien jinsab fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bank. Żied illi anki l-biċċa raża tal-cannabis u l-pilloli bojod x'aktarx illi kienu fuq in-naħa ta' ġewwa tal-*counter*. **PC 599 Clive Mangion** ikkonferma illi l-oġġetti elevati instabu ħdejn il-*cash register* u li dawn kienu jikkonsistu f'biċċa blokka suspettata raża tal-cannabis, diversi *SIM cards*, *diversi* karti tal-identita` ta' nies differenti, ħafna *statements* tal-bank, xi *mobiles*, *jewellery* u affarijiet oħrajn.

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**[6], nominat bħala espert f'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella li ġo fih kien hemm borża tal-plastik li fiha kien hemm:

(1) *Evidence bag* li fiha:

i) karta bil-kliem Data <u>3-4-10</u> Ħin <u>12:12</u> Elevat/i minn <u>PC 599</u> fil-preżenza <u>tiegħu minn fuq kaxxa ġo l-*istore*</u>;
ii) *mobile*;
iii) borża tal-karti ta' lewn abjad li fiha xi oġġetti tal-fidda.

(2) *Notebook* żgħir;

(3) *Evidence Bag* li fiha żewġ *mobiles*;

(4) Borża tal-plastik trasparenti li fiha żewġ *notebooks*;

(5) *Evidence bag* li fiha:

i) karta bil-kliem Data <u>3-4-10</u> Ħin <u>11:01hrs</u> Elevat/i minn <u>PC364</u> fil-preżenza <u>tiegħu</u> minn <u>wara l-*bar* "taħt il-*counter*"</u>;

---

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 60 sa 63 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 65 sa 66 tal-proċess.
[6] Ara din ir-relazzjoni a fol. 74 sa 75 u r-relazzjoni esebita bħala Dok. GS a fol. 76 sa 89 tal-proċess.

ii) xi karti;

iii) pakkett tas-sigaretti vojt li fih borża tal-plastik trasparenti li fiha xi pilloli żgħar ta' lewn abjad;

(6) Borża tal-plastik trasparenti li fiha:

i) karta bil-kliem Data 4-4-10 Ħin 11:30am Elevat/i minn kamra tal-ikel fil-preżenza ta' Salvatore Cacciattolo minn PS519, PC10;

ii) *SIM card*;

iii) landa bil-kliem *Caprice* li fiha sustanza ta' lewn kannella u 4 qratas li fihom ħaxix ta' lewn aħdar u bott tal-plastik ta' lewn griż bil-kliem *Metformin HCI BP 500mg* li fih traċċi ta' trab ta' lewn abjad;

(7) Borża tal-plastik trasparenti li fiha xi oġġetti ta' lewn id-deheb u fidda;

(8) Borża tal-plastik trasparenti li fiha diversi *mobiles*;

(9) Borża tal-plastik trasparenti li fiha tlett (3) arloġġi;

(10) Borża tal-plastik trasparenti li fiha 3 *USB's*;

(11) Borża tal-plastik trasparenti li fiha flus;

(12) Borża tal-plastik trasparenti li fiha nuċċali tax-xemx u pakkett tad-drapp ta' lewn iswed;

(13) Landa ta' lewn aħmar bil-kliem *Digestive* miftuħa;

(14) Żewġ (2) *SIM cards* ġol-borża tal-plastik;

(15) Borża tal-plastik trasparenti li fiha *SIM card, SP card* u xi *CD's*;

(16) Borża tal-plastik trasparenti li kienet miftuħa u vojta u li fiha karta bil-kliem Data 03-04-10 Ħin 11:00am Elevat/i minn PC 364, PC 599 fil-preżenza tiegħu minn *pouch containing personal doc from under the counter*;

(17) *Evidence Bag* li fih:

i) karta bil-kliem Data 03-04-10 Ħin 9:39hrs Elevat/i minn PC364 fil-preżenza ta' Salvatore minn ġol *counter* "Bott silver";

ii) pakkett ta' Rizla+ ta' lewn aħdar;

iii) bott tal-plastik ta' lewn abjad bil-kliem *Viagra* li fih 7 pilloli ta' lewn blu;

iv) qartas żgħir li fih ħaxix ta' lewn aħdar;

(18) *Evidence Bag* li fih diversi oġġetti tad-deheb u *pouch* ta' lewn roża.

L-espert ikkonkluda illi mill-estratti meħuda mis-sustanza kannella u mill-ħaxix ta' lewn aħdar instabet is-sustanza *Tetrahydracannibinol* li hija sustanza derivanti mill-pjanta tal-cannabis. Il-piż totali tas-sustanza kien ta' 0.22 grammi u l-purita\` kienet ta' ċirka 8%. Il-piż totali tal-ħaxix kien ta' 0.37 grammi, b'purita\` ta' ċirka 6%.

**Jade Jones** xehdet f'dawn il-proċeduri. Jibda biex jingħad illi Jade Jones irrilaxxjat stqarrija fid-29 ta' Marzu 2010[7] u fit-30 ta' Marzu 2010[8], ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, hija kkonfermat il-kontenut tal-istess stqarrija bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-istqarrija tagħha, Jade Jones ikkonfermat illi dak iż-żmien kienet qegħda tgħix ġewwa Dar Vittoria, *shelter* għan-nisa ġewwa Birkirkara. Kienet ilha tgħix ġewwa dan is-*shelter* għal tliet xhur u ħmistax. Tgħid illi hija kellha l-vizzju tad-droga u wara tlett xhur u ħmistax reġgħet waqgħet u ħadet id-droga fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Marzu 2010. Żiedet tgħid illi qabel daħlet ix-*shelter* kienet tieħu l-kokaina kuljum waqt illi kienet tieħu inqas eroina – pakkett ta' għaxar ewro (€10) fil-ġimgħa.

Dwar il-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Marzu 2010 Jones tispjega fl-istqarrija tagħha, illi dak in-nhar inqala' xi diżgwid fix-*shelter* mal-i*staff* u għalhekk hi, Elizabeth Galea u residenta oħra riedu jitilqu. Jones u Galea telqu b'tal-linja. Jones kellha għaxar ewro u ħamsin ċenteżmu (€10.50) fil-pussess tagħha. Kif kienu barra, Jones issuġġeriet illi jmorru sal-Belt u jaraw isibux jixtru l-eroina minn hemmhekk. Galea issuġġeriet illi jekk ma jsibux mill-Belt imorru Ħal

[7] Ara din l-istqarrija a fol. 48 tal-proċess.
[8] Ara l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu 2010 a fol. 54 tal-proċess.

Qormi għaliex meta kienet ħarbet mix-*shelter* f'okkażjoni oħra, kienet inqdiet minn Ħal Qormi. Daħlu l-Belt u marru jduru n-naħa tad-*Diana Kiosk* u billi ma nqdewx, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija qabdu tal-linja u marru Ħal Qormi. Kif waslu Ħal Qormi waqfu ġewwa każin u hemm marru t-*toilet*. Minn hemm komplew mexjin fid-direzzjoni li ssuġġeriet Galea. Jones xehdet illi waslu ħdejn il-bandli li hemm in-naħa ta' San Ġorġ u hemm daħlu ġo ħanut. Jones iddikjarat fl-istqarrija illi ma tiftakarx l-isem tal-ħanut. Żiedet tgħid illi fil-bieb tal-ħanut kien hemm Darren Brincat magħruf bħala l-'pupa' u fil-ħanut kien hemm ukoll raġel bilqiegħda wara l-bank. Jones spjegat illi hi baqgħet barra ħdejn Darren Brincat waqt illi Elizabeth Galea daħlet ġewwa tkellem lil tal-ħanut. Ftit tal-ħin wara Galea sejħet lil Jones u urietha "*borża tal-plastik trasparenti li kien fiha l-erojina u qaltli "ara x'tana"*".[9] Jones rat illi l-ammont ta' eroina f'dik il-borża kien żgħir u li hi (Jones) kellha bżonn iżjed. Galea qalet lil Jones biex tħalli f'idha ħalli tipprova tiddobba aktar. Jones kompliet titkellem ma' Darren Brincat waqt illi tal-ħanut talab lil Brincat joqgħodlu ftit mal-ħanut u mbagħad tal-ħanut u Galea daħlu t-*toilet* flimkien. Jones irrakkontat illi Brincat staqsieha fejn kienu sejrin u hi qaltlu illi kienu *homeless*, u Brincat qalilha li kellu post fejn jorqdu. Jones spjegat illi madwar għaxar minuti wara, Galea u tal-ħanut ħarġu mit-*toilet* u Galea qagħdet ftit ħdejn tal-ħanut wara l-*counter*. Meta marret ħdejn Jones, din tal-aħħar qaltilha bil-proposta ta' Brincat li sadanittant kien ħareġ barra mill-ħanut u beda jpaqpqilhom il-*horn* tal-karozza. Żiedet tgħid illi dak il-ħin tal-ħanut kien qalilhom sabiex joqogħdu attenti fejn imorru. Iż-żewġ tfajliet rikbu ma' Brincat fil-karozza tiegħu u dan saq sa tal-Ħandaq. Brincat qalilhom illi seta' jħallilhom il-karozza għal-lejl pero` skont hi, ried jinqeda bit-tfajliet b'xi mod. Sadanittant beda jsuq lejn id-dar tiegħu, waqaf żewġ kantunieri bogħod u qabel telaq poġġa ġebla mar-rota ta' wara tal-karozza, kiteb in-numru tiegħu fuq il-*windscreen* u telaq. Wara ftit Brincat dar lura u wissa lil Galea sabiex minn fuq illi silifhom il-karozza, tara illi Jones ma tittaqqabx u taqa' f'*overdose*, u biex ma jħallux imbarazz fil-karozza. Meta telaq Bricat, Galea ħarġet pakkett tal-*foil*, fetħitu u kien fih l-eroina. Jones stqarret illi dan il-pakkett Galea ġabitu mingħand tal-ħanut wara li ħarġet miegħu minn ġot-*toilet*. Ma' dan il-pakkett Galea ħarġet ukoll biċċa *foil* li kien taha Brincat minn ġol-karozza. Galea firxet l-eroina fuq il-*foil* u bdiet tiġbed minnha. Billi Jones ma kinitx taf tiġbed, Galea bdiet taħraq bil-*lighter* u Jones tieħu bin-nifs. Jones stqarret illi hi ma bdiet tħoss xejn waqt illi Galea kienet diġa` bdiet tħoss l-effett sewwa. Daru għad-droga li kienet fil-borża – Jones ġibdet linja pero' kellha bżonn iktar. Galea poġġiet id-droga fuq karta u sakemm Jones kompliet tiġbed, Galea kompliet taħraq sakemm raqdet bil-*foil* f'idha. Jones qajmet lil Galea, ħaditilha l-*foil* u poġġiet kollox fil-*handbag*, imbgħad raqdu t-tnejn. Jones stenbħet fil-5:30am u pruvat tqajjem lil Galea imma din baqgħet rieqda – wiċċ Galea kien abjad pero`

---

[9] Ara a fol. 49 tal-proċess.

kienet għadha tiegħu nifs. Jones pruvat toħroġ ras Galea mit-tieqa forsi tieħu nifs aħjar. Wara ftit għadda raġel u Jones talbitu jgħinha sabiex idaħħlu lil Galea lura fil-karozza u qaltlu li Galea kienet sikret u raqdet. Jones xarrbet wiċċ Galea pero` Galea baqgħet ma qamitx. Jones ftakret fin-numru li kien ħallielhom Brincat, iżda n-numru li kien kiteb mal-*windscreen* kien telaq bin-nida. Jones imbgħad telqet għaliex ħasbet li Galea kienet ser tqum u ma ndunatx illi Galea kienet waqgħet f'*overdose*.

Fl-istqarrija tagħha Jones stqarret illi dan kien l-ewwel każ tagħha konness mad-droga. Ikkonfermat illi t-*tissues* u l-*foil* illi nstabu fil-karozza kienu tagħhom iżda li l-labra li kienet instabet ma kinitx tagħhom. Xehdet ukoll illi lil Darren Brincat kienet tafu għaliex darba kien ittantaha meta kienu l-Armier. Ikkonfermat ukoll illi l-*foil* kien tahilhom Brincat billi kellu romblu *foil* fil-karozza u qata' biċċa minnu.

Dwar il-pakkett illi ġabet Galea wara li ħarġet mit-*toilet*, Jones stqarret illi dan kien jiswa erbgħin ewro, iżda ta' dan Galea ma kinitx ħallset bi flus. L-ewwel pakkett droga kien jiswa għaxar ewro u dan ħallset għalih bl-għaxar ewro illi kienet tatha Jones. Jones żiedet tgħid illi meta ħarġu minn ġewwa l-ħanut id-droga kienet kollha għand Galea. Dwar jekk Brincat kienx jaf li kienu ser jabbużaw mid-droga fil-karozza tiegħu, Jones stqarret illi indirettament kien jaf, kif kien jaf ukoll għaliex Galea kienet daħlet fil-ħanut, anki jekk Brincat ma rax lil Galea tixtri d-droga.

Waqt illi kienet qed tirrilaxxja l-istqarrija tagħha, Jones ġiet murija ritratt ta' persuna ta' sess maskili li Jones identifikat bħala l-persuna li kien ġewwa l-ħanut f'Ħal Qormi fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Marzu 2010. Jones żiedet tgħid li fl-opinjoni tagħha Galea kienet tqatta ħafna ħin għand tal-ħanut għaliex dan għarafha malli daħlet u sejjħilha b'isimha. Jones żiedet illi lil dan tal-ħanut Galea kienet sejjħitlu 'Salvu'.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, Jones ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u qalet ukoll illi għalkemm għarfet il-persuna fit-ritratt bħala l-persuna li kien fil-*bar* u li kien ta d-droga lil Galea, ir-raġel li kienet rat hi ma kellux mustaċċi.

Jade Jones xehdet f'dawn il-proċeduri fit-18 ta' Frar 2013 u kkonfermat illi l-proċeduri fil-konfront tagħha kienu konklużi. Ikkonfermat il-fatti kif ġraw u cioe` illi hi u Galea ħarġu mill-programm, matul il-lejl użaw id-droga eroina u sussegwentement, Galea instabet b'*overdose*. Xehdet illi d-droga kienu ġabuha minn ħanut ġewwa Ħal Qormi pero` ma ftakritx l-isem ta' dan il-ħanut – tiftakar biss illi kien f'kantuniera u kien ibiegħ *snacks* u pakketti tal-ħelu. Xehdet ukoll illi dan l-episodju seħħ għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-għaxija għalkemm ma

ftakritx id-data meta ġara. Mitluba tgħid jekk tafx lill-imputat, Jones wieġbet fin-negattiv u li jekk tarah lanqas tagħrfu, għalkemm kienet taf li kien qiegħed hemm. Tgħid ukoll illi lanqas ma tiftakar minn kien hemm wara l-*bar* fil-ħanut dak in-nhar. Lanqas ma tiftakar min kien qiegħed jieħu ħsieb il-ħanut dak in-nhar, fi kliemha "*jekk tgħidli "dak kien" ma niftakarx*"[10] u lanqas ma kienet taf x'jismu – tiftakar biss illi kien antipatku magħhom u li hi bdiet tħares lejn l-art. Fissret illi kien antipatku magħhom fis-sens illi ma kienx ħa pjaċir illi Galea marret hemm. Żiedet tgħid illi marru f'dan il-post fuq suġġeriment ta' Galea, li wara li bdew iduru qalet lil Jones "*ejja hemm ħanut ngħaddu s'hemm forsi hemm xi ħadd*"[11] u li Galea kellmitu, waqt li hi kienet naqra lil hemm. Jones rat lil Galea tkellem lil tal-ħanut. Id-droga ġabitha kollha Galea għax hi kienet tafu u ġabitha minn hemmhekk. Jones spjegat illi fil-ħanut kien hemm persuna oħra u Galea l-ewwel kellmet lil dan, imbgħad kellmet lill-persuna li kien qiegħed wara l-bank. Jones imbagħad ħarġet barra, qagħdet fuq it-tarġa u ma qagħditx ħdejhom. Xehdet illi ma ratux jagħti d-droga lil Galea. Jones taf biss illi Galea kellha l-għaxar ewro li tatha Jones stess u kienet Galea li nnegozjat miegħu. Jones żiedet tgħid li Galea ingħatat ftit droga, fi kliemha "*ċuċata*".

Meta ġiet mitluba biex terġa' tħares fl-awla biex tara jekk tagħrafx lil xi ħadd, Jones reġgħet wieġbet hekk: "*Jiena as such il-wicc ma niftakrux, jiena naf li kont urejtni ritratt u dakinhar ridt nitlaq hawnhekk u ghidtlek "ehe" hux, imma jekk narah barra jew hekk ma niftakrux*".[12] Wara li kkonfermat l-istqarrija tagħha, reġgħet qalet dwar ir-ritratt li dak il-ħin riedet titlaq, illi dan kien l-ewwel każ tagħha u li kien minnu illi hija ma kinitx tiftakru. Tgħid ukoll illi b'dawk il-mustaċċi kif muri fir-ritratt, lanqas biss jintgħaraf.

In kontro-eżami Jones xehdet li l-persuna li hija rreferiet għaliha meta ġiet biex tikkonferma x-xhieda tagħha bil-ġurament ma kinitx preżenti, kif lanqas ma kien preżenti l-avukat tiegħu, illi lil Darren Brincat kienet tafu ftit minn wiċċu l-Armier u ratu xi darba d-*Detox* meta l-istess Jones kienet tmur għall-*methadone*, iżda ma kinitx tkellmu. Xehdet illi taf li Brincat kien juża d-droga pero` ma tafx illi Brincat jew missieru ibiegħu d-droga. Ikkonfermat illi waqt illi Galea kienet qegħda ġġib id-droga, Jones kienet barra u ma kinitx qed tara x'kien qiegħed jiġri fuq ġewwa. Xehdet illi l-jum in kwistjoni kien il-Ħadd u kien ukoll fil-għaxija. Ikkonfermat illi fil-ħanut kien hemm tnejn min-nies, Brincat u tal-ħanut.

**Ikkunsidrat ukoll**:

[10] A fol. 20 tal-proċess.
[11] A fol. 20 tal-proċess.
[12] A fol. 22 tal-proċess.

Qabel tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat irrilaxxja istqarrija lill-pulizija fl-4 ta' April 2010, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt illi jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah.[13] Biss l-imputat ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

[13] L-istqarrija tinsab esebita bħala Dok. JF 1 a fol. 13 sa 15 tal-proċess.

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, il-Qorti tal-Appell Kriminali skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

F'dan il-każ, minkejja li d-difiża ma talbitx illi l-istqarrija tal-imputat tiġi skartata, din il-Qorti jidhrilha illi fl-istess stqarrija, l-imputat għamel dikjarazzjonijiet li f'ċertu aspetti kienu inkriminanti, b'tali mod illi kemm il-darba l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni din l-istqarrija, allura din sejra

definittivament ikollha impatt fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri u għalhekk fuq l-eżitu tal-istess proċeduri. Għaldaqstant, fit-termini tas-sentenzi fuq ċitati u anke fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tqis tali stqarrija bħala inammissibbli u qed tiskarta wkoll, bħala inammissibbli, kwalunkwe referenza għal tali stqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi huwa evidenti mill-provi prodotti illi dan il-każ huwa mibni totalment fuq ix-xhieda ta' Jade Jones. Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx lil Darren Brincat u lil Elizabeth Galea bħala xhieda f'dawn il-proċeduri u għalhekk il-każ kollu tal-Prosekuzzjoni jistrieħ interament fuq ix-xhieda ta' Jones.

Effettivament, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-fatti kif żvolġew kienu dawk deskritti minn Jones. Ix-xhieda tagħha, b'mod partikolari quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, kienet waħda dettaljata ħafna u plawsibbli għall-aħħar. Biss Jones fl-ebda stadju ma ftakret l-isem tal-ħanut li fih kienet marret ma' Galea, għalkemm qalet li kien ġewwa Ħal Qormi, kif lanqas ma kellha ħjiel dwar min kien jieħu ħsieb jew jiġġestixxi l-istess, għajr illi semgħet lil Galea issejjaħlu 'Salvu'. X'aktarx illi l-pulizija waslet sabiex tidentifika l-persuna li għaliha kienet qegħda tirreferi Jones minn dak li kien stqarr Darren Brincat, għalkemm kif ingħad, Brincat lanqas ma ttella' bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt illi għalkemm fl-istqarrija tagħha, Jones ma ndikatx min kienet din il-persuna bl-isem, ħlief għal Salvu, li huwa isem komuni, u lanqas x'kien jismu dan il-ħanut jew it-triq fejn kien jinsab, il-pulizija preżentawlha ritratt tiegħu waqt l-istess stqarrija. Skartata, imbagħad, l-istqarrija tal-imputat għar-raġunijiet fuq indikati, l-unika ness bejn il-verżjoni ta' Jones u l-imputat odjern hija biss l-identifikazzjoni tagħha f'ritratt muri lilha waqt l-istqarrija rilaxxjata minnha fid-29 ta' Marzu 2010 u l-għada quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, fejn żiedet tgħid hekk:

"*... nikkonferma wkoll li l-persuna li tidher fir-ritratti dokument JF 2 huwa l-persuna li kien hemm fil-bar u li ta d-droga lil Bella. Nixtieq inzid illi issa u cioe' meta rajtu jiena dan ir-ragel ma kellux mustacci.*"[14]

Fix-xhieda tagħha, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, imbagħad, tgħid ukoll:

"*Imma vera l-bniedem jien ma niftakrux.*"[15]

[14] A fol. 54 tal-proċess.
[15] A fol. 25 tal-proċess.

U meta mitluba tikkonferma illi dak tar-ritratt huwa l-istess persuna, xehdet illi:

"*Lanqas, b'dawk il-mustacci lanqas jintgħaraf hu stess*."[16]

Ir-ritratt li ntwera lil Jones juri raġel bil-qargħa u mustaċċi pjuttost folti. Fil-waqt illi kkonfermat illi r-raġel fir-ritratt huwa l-istess raġel illi kien hemm fil-ħanut, ħasset opportun tissenjala illi meta rat lir-raġel fil-ħanut dan ma kellux mustaċċi. Waqt ix-xhieda tagħha mbagħad insistiet illi l-wiċċ ma tiftakrux u li identifikat lir-raġel sempliċement biex teħles u titlaq. Issa l-Qorti ma teskludix illi Jones kienet turbata meta rrilaxxjat l-istqarrija tagħha b'dak li kien għadu kif seħħ fir-rigward ta' Galea, biss il-Qorti tosserva wkoll illi l-mustaċċi fir-ritratt huma, kif ingħad, pjuttost folti; dettal dan illi jagħmel differenza konsiderevoli fuq wiċċ ta' persuna. Jidher ukoll illi Jones ġiet murija biss ritratt wieħed mill-pulizija u kważi kważi għalhekk ġie suġġerit lilha illi l-persuna li kienet fir-ritratt kienet proprju l-persuna li kienet irreferiet għaliha fl-istqarrija tagħha, minflok intweriet diversi ritratti ta' persuni differenti sabiex tingħata l-opportunita` li tidentifika hi lill-persuna li kienet qegħda tirreferi għaliha.

Illi dwar l-identifikazzjoni din il-Qorti tagħmel refernza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Romeo Bone</u>**, mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-17 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti trattat dan il-punt b'mod dettaljat:

*"Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Massimo Caruso****, deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Zammit*** *deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li:*

*"Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid* ***x'mhux mehtieg*** *u mhux* ***x'inhu mehtieg"****. Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*

*"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

[16] A fol. 26 tal-proċess.

*Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:*

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:*

*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life ...' (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);*

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme*

*Court of the Australian Capital Territory fil-kawza* ***Sharrett vs. Gill*** *(1993) 65 A Crim R. 44:*

*'... I am unaware of any authority in this country or elsewhere... that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings ... and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

*Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta'* ***Turnbull*** *(1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:*

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of*

*the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? ... Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".*

*Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar*** *moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja identification parade". Hija qalet:*

*"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza '****Il-Pulizija vs. Leading Steward Victor Dalmas****' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu` o meno ta' l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom'; M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ in* ***R. vs Parks*** *((1961) I.W.L.R. 1484) 'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice' u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha in re* ***Il-Maesta` Taghha r-Regina vs. Joseph Hallet*** *moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati miscarriages of justice.*"

F'dan il-każ, tenut kont tal-fatt illi l-unika ness bejn Jones u l-imputat odjern huwa l-identifikazzjoni li hija għamlet waqt l-istqarrija tagħha, illi mhux eskluż illi Jones kienet turbata u kif xehdet hi aġitata meta rrilaxxjat din l-istqarrija, tenut kont ukoll tal-fatt illi Jones sa minn kmieni rrimarkat illi l-persuna fil-ħanut ma kellhiex mustaċċi u ġiet effettivament murija ritratt wieħed mill-pulizija ta' raġel b'mustaċċi folti, kif ukoll illi baqgħet tinsisti fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri illi ma tiftakarx il-wiċċ ta' din il-persuna, u in oltre illi ma

jidhirx illi Jones kellha konoxxenza preċedenti ta' din il-persuna u li fuq kollox fil-maġġor parti tal-ħin, baqgħet barra, fuq l-għatba tal-ħanut titkellem ma' Brincat, fil-waqt ukoll illi l-persuna fil-ħanut għamlet xi għaxar minuti fit-*toilet* tal-ħanut ma' Galea, il-Qorti tqis illi fin-nuqqas komplet ta' provi oħrajn, ikun pjuttost perikoluż illi toqgħod sempliċiment fuq l-identifikazzjoni ta' Jones fuq ritratt wieħed muri lilha sabiex tasal għal sejbien ta' ħtija fl-imputat odjern. Imbagħad terġa' u tgħid, fil-pussess tal-imputat lanqas ma nstabet xi droga eroina jew xi oġġetti oħrajn li jistgħu jindikaw b'mod univoku l-bejgħ jew traffikar ta' din id-droga.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Kwantu għat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok, żball kalami da parti tal-Prosekuzzjoni meta ġiet biex tindika fiċ-ċitazzjoni odjerna, id-data tat-28 ta' Marzu 2010 u l-ġimgħat ta' qabel din id-data bħala l-perjodu li għalih jirreferu dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, *del resto* bħal l-ewwel waħda. Madankollu, is-sejba tas-sustanza cannabis seħħet waqt tfittxija fil-ħanut tal-imputat fit-3 ta' April 2010 u allura wara d-data indikata fiċ-ċitazzjoni odjerna.

L-Artikolu 360 (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

"*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw ...*"

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa** deċiża fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. F'dan il-każ l-appellant kien jinsab akkużat b'reati li allegatament seħħew madwar is-sebgħa u nofs ta' fil-għaxija mentri l-evidenza kienet turi li r-reat seħħ fis-sebgħa u nofs ta' fil-għodu. Il-Qorti osservat hekk dwar dan l-iżball:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl*-imputazzjoni *izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*"

Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon** deċiża fid-19 ta' Novembru 2015 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.*"

Dawn l-insenjamenti jgħoddu wkoll għall-każ ta' llum bir-riżultat illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif dedotti ma jistgħux jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Konsegwentement, lanqas m'hija tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert maħtur f'dawn il-proċeduri.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-oġġetti formani parti minn Dokument JF favur l-imputat.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat